***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 493 tat-13 ta' Marzu 2017 dwar każ imqajjem mill-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront ta' ġurnalista ta' One News**

**MR SPEAKER:** Issa nixtieq nagħmel referenza għall-*email* li rċevejt madwar sagħtejn ilu mill-Onor. Jason Azzopardi wara li għaddieli l-filmat tal-aħbarijiet tal-One News tal-ġimgħa l-oħra. Din l-*email* tgħid hekk:

> "Sur President, kif qed tara mill-anness *link* tal-filmat tal-aħbarijiet tal-One News tat-Tlieta tal-ġimgħa l-oħra, il-ġurnalist inkwistjoni għoġbu jakkumpanjani sa ħdejn il-Bank Ċentrali minn fejn il-ħruġ tal-bini tal-Parlament biex jagħmel id-domandi tiegħu.
>
> M'iniex qed inqajjem każ ta' ksur ta' privileġġ u nixtieq li dan ikun ċar ħafna fir-*ruling* li qed nitolbok tagħti. Kulma qed nitolbok huwa li tgħid u tagħti *ruling* jekk l-*area* fejn il-ġurnalisti jistaqsu domandi lid-Deputati Parlamentari issa ġietx estiża minn fejn kienet quddiem il-bini tal-Parlament għal fejn il-Bank Ċentrali sabiex inkun nista' nirregola ruħi, u jekk le, tfakkar f'dan pubblikament.
>
> Nirringrazzjak bil-quddiem.
>
> https://www.youtube.com/watch?v=LPxq8lfE6eo
>
> Onor. Jason Azzopardi MP."

Nifhem, Onor. Jason Azzopardi, li qed titlobni *ruling*.

**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Sur President, kif qrat korrettement is-Sedja, dik hija l-*email* li ħassejt li kelli nibgħat ftit tal-ħin ilu. Hemm ukoll il-filmat li ovvjament jidher mil-*link* li annettejt fl-*email*. Kif għamilt ċar, mhu qed inqajjem ebda forma ta' xi ksur ta' privileġġ però peress li kont mingħalija, forsi żbaljat, li hemm *area* żgħira quddiem il-bini tal-Parlament fejn wieħed jagħmel domandi u tweġibiet, ma nafx jekk din ġietx estiża sa fejn l-*Annexe* tal-Bank Ċentrali jew le. Dik kienet id-domanda tiegħi u nistenna ġentilment is-Sedja tagħtini d-direzzjoni. Nirringrazzjak.

**MR SPEAKER:** Jien naċċertak li kif irċevejt l-*email* b'mod immedjat dħalt fil-kwestjoni. Fil-fatt, anke ċempiltek. Is-Sedja kienet diġà tat żewġ *rulings*, wieħed fis-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru tal-2014 imqajjem mill-Onor. George Pullicino fil-konfront ta' ġurnalista tal-One News, u *ruling* ieħor imqajjem mill-Onor. Toni Bezzina wkoll fil-konfront ta' ġurnalista tal-One TV, li kien fis-seduta 277 tas-16 ta' Ġunju 2015, imma se nżid mar-*rulings* li semmejt. Jirriżulta b'mod ċar miż-żewġ *rulings* lis-Sedja u nikkwota:

> "... mhuwiex possibbli li wieħed jirrestrinġi dan l-ispazju pubbliku biex ma jħallix ġurnalisti f'dan l-ispazju."

Nifhem dak li qed ngħid imma nifhem ukoll li s-Sedja fl-aħħar *ruling* li tat kienet qalet hekk u nikkwota:

> "Dan biex il-Parlament dejjem jiffaċilita u li jkollu u jista' joffri mezz effikaċi għall-ħidma tal-istampa u x-xandir sabiex ikunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom u d-doveri tagħhom, b'rispett ukoll u li jiġi salvagwardat ukoll dak li tgħid il-liġi."

U qed nagħmel referenza għall-paragrafu (d) tas-subartiklu (4) tal-artiklu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, li primarjament fosthom huwa li jattendu u jipparteċipaw fil-ħidma tal-Parlament kemm meta tidħol il-Parlament u kemm meta tkun qed toħroġ.

Is-Sedja, allura, f'dan il-kuntest filwaqt li żżomm ferm dak li qalet fiż-żewġ *rulings* terġa' ttenni l-appell lill-mezzi kollha tax-xandir li jkunu qegħdin jirrapportaw dak li jkun għaddej fil-Parlament sabiex fil-qadi ta' dmirijiethom jiżguraw li dawn ma jagħmlu xejn li jista' jkun interpretat bħala xkiel għall-Membri Parlamentari fil-waqt li jkunu sejrin jew ġejjin lura mill-Kamra. Wara li rajt il-filmat li int għaddejtli u filmati oħra, nifhem li ladarba Membru, hu min hu, ikun qed jiġi mistoqsi minn xi ġurnalist, hu min hu, u fit-tweġiba jkun ċar jew wieġeb jew ma weġibx għal darba darbtejn, għandha tintuża l-prudenza min-naħa ta' kull ġurnalist li jiddesisti milli jkompli jsegwi l-istess Membru Parlamentari ladarba jkun ħareġ sew mill-*area* tal-Parlament.

Ir-*ruling* hu deċiż.

Kopja ta' dan ir-*ruling* se tintbagħat lill-mezzi kollha tax-xandir.

(Estratt mit-traskrizzjoni tas-Seduta 493 tat-13 ta' Marzu 2017)